**MINUTI**

**GVERN LOKALI ĦAL TARXIEN**

IS-SITT LEĠISLATURA 2008 – 2013

**SEDUTA NUMRU 42/06**

L-ERBGHA 28 TA' MARZU 2012 FIl-5.30 TA' FILGĦAXIJA

**PREŻENTI**

| | | |
|---|---|---|
| KAV. PAWLU FARRUGIA KLJ CMLJ | SINDKU | *5.30PM* |
| FRANCIS AGIUS | VIĊI SINDKU | *5.30PM* |
| KEITH DARMANIN | KUNSILLIER | *5.30PM* |
| LAWRENCE BONAVIA | KUNSILLIER | *5.30PM* |
| DORIS VELLA | KUNSILLIER | *5.30PM* |
| ISHMAEL DALLI | KUNSILLIER | *6.30PM* |
| CLAUDIEnNE LANZON | KUNSILLIER | *5.30PM* |
| PAUL J. PACE **Dip. B. A. (Bus Mangt) MBA** | AĠENT SEGRETARJU EŻEKUTTIV | |
| FRANS CHIRCOP | AĠENT SEGRETARJU EŻEKUTTIV | |
| SINJ. ANTONELLA GALEA | ASST. PRINCIPAL | |

**AGENDA**

1. Qari u approvazzjoni tal-Minuti
2. Komunikazzjoni mis-Sindku (Inkluż Korrispondenza)
3. Affarijiet Finanzjarji – Skeda ta' Pagamenti Nru 42/06 għax-xahar ta' Marzu 2012
4. Tenders
5. Rapporti mill-Kunsilliera
6. Ħwejjeġ oħra
7. Għeluq tal-Laqgħa

**TALBA**

IS-SINDKU QAL IT-TALBA U PPRESIEDA L-LAQGĦA

**1 Qari u Approvazzjoni tal-Minuti**

i Il-Minuti tal-Laqgħa tas-Seduta 41/06 ittieħdu bħala moqrija peress li ġew iċċirkulati minn qabel.

ii Dawn ġew approvati unanimament. Il-Minuti ġew iffirmati mis-Sindku u mill-Aġent Segretarju Eżekuttiv is-Sur Paul Pace.

**2 Komunikazzjoni mis-Sindku (Inkluż Korrispondenza)**

**i** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li x-xogħol miexi sew bis-sistemi ġew mgħoddijin kollha u daqt tkun lesta is-sodda tal-konkos biex imbagħad jkun jista' jinbeda l-paviment. Saret ukoll diskussjoni mal-Kuntrattur dwar x'tip ta' materjal għandu jintuża għal Gazebo peress li ser tkun esposta għall-elementi kollha. Issemma wkoll xi tip ta' materjal li jiġi kimikament ttrattat u li jkollu 10 snin garanzija. Proġett ERDF

i.i Iis-Sindku qal li għalkemm fuq dan il-proġett il-kunsill ħater żewġ Periti wieħed bħala Project Manager u l-ieħor bħala l-Perit, sfortunatament dawn mhux dejjem qed jagħtu dak kollu mistenni minnhom u ħafna mix-xogħol ta' superviżjoni qed ikollu jagħmlu hu. Saħansitra il-PPCD ġibdulna l-attenzjoni dwar dan.

i.ii Dwar il-permess tal-MEPA 1494/10 is-Sindku qal li fl-aħħar il-KNPD tat il-kunsens tagħha. Issa jonqos biss li l-MEPA toħroġ il-*full development permit*. Is-Sindku rrimarka li ltqajna ma' ħafna ntoppi u f'dan l-istadju jittama li sa' laqgħa oħra li jmiss dan il-permess jinħareġ anke mill-MEPA.

**ii** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li bqajna ma smajna xejn dwar it-tentattiv ta' serq mill-uffiċini tal-Kunsill Lokali. Tentattiv ta' intrużjoni fil-Kunsill

**iii** Dwar id-devoluzzjoni ta' biċċa art fi Triq Ħal Luqa, is-Sindku qal li l-Perit għadu ma għamel xejn u dejjem jgħid li għad irid jiltaqa' mar-Rappreżentant tal-KNPD. Devoluzzjoni ta' Art fi Triq Hal Luqa

**iv** Dwar Sqaq Sta Marija Nru 1 is-Sindku nforma lill-Kunsill li anqas jgħodd kemm kellem nies biex nippruvaw naslu x'imkien mas-Sur Thomas Debono mit-Transport Malta. Saħansitra kellem lil xi ħadd mill-Ministeru tal-Onor. Austin Gatt biex forsi jintervjeni hu wkoll. Qal ukoll li rċieva telefonata fejn infurmawh li jidher li suppost issa kollox ok. Kompla jispjega li hija veru redikola li ġejna mitluba sabiex nissottomettu t-*traffic management plan* għal dan l-Isqaq. Meta suppost kulħadd jaf li dan huwa Sqaq li ma jinfidx ! Il-kuntrattur għandu jmur personalment t-Transport Malta sabiex jivverifika li kollox sew. MEPA -Xelter Sqaq Brittaniku Nru 1

**v** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li nħarġet sejħa għat-tender ġdida taħt l-iskema tal-PPP. Din it-tender tagħlaq fit-13 t'April 2012. Qegħdin ninfurmaw lill-diversi kuntratturi b'din it-tender. Pero jidher li l-problema sabiex jixtru din it-tender hija li l-ħlas jkun imqassam fuq 8 snin. Is-Sindku Resurfacing ta' Toroq-Skema PPP

qal li tkellem mal-Ministru dwar din il-problema sabiex forsi jsir xi ħaġa.

Is-Sindku kompla jgħid li fl-2006 l-Onor. Jesmond Mulgliett kien wiegħed li sal-2008 ċerta toroq kellhom jiġu asfaltati. Pero wasalna fl-2012 u Triq Żejtun, Triq Palma u Triq B'Bugia baqgħu qatt ma saru.

Is-Sindku qal li riċentement Deputat tal-Partit Laburista kien għamel Mistoqsija Parlamenti fejn staqsa dwar dan il-każ. L-Onor. Ministru Austin Gatt kien wieġeb li dawn it-toroq ma kienux qegħdin fil-programm tal-Gvern. Is-Sindku nsista li dawn in-nies ġew imwiegħda u dak li jitwiegħed irid jitwettaq.

vi Rigward il-bandli li jinsabu fi Ġnien Misraħ Buleben is-Sindku qal li tneħħa kollox. Bandli

vii Is-Sindku spjega li dwar il-każ tal-Ex Seg. Eżek. kellhom dehra quddiem l-Ombudsman fid-9 ta' Marzu 2012. Preżenti għal din il-laqgħa kien hemm l-Ombudsman, l-Investigating Officer tal-Ombudsman, is-Sur Maurice L.Mallia u l-Avukat tiegħu, is-Sur Adrian Mifsud f'isem id-Dipartiment Gvern Lokali, is-Sindku u s-Sinj. M. Pisani Eks A/ Seg. Eżek tal-Kunsill Lokali Ħal Tarxien. Każ tal-Ex Seg. Ezek.

Is-Sindku qal li kien ċar mal-Ombudsman li dak li hu mistħoqq lejn is-Sur Mallia jieħdu pero dak li mhux ma jistax jagħtihulu. Is-Sindku qal li l-Ombudsman jista' jirrakomanda biss. Sa din il-laqgħa kienet għada ma waslet ebda tweġiba mingħand l-Ombudsman.

*Is- Sur Ishmael Dalli attenda fis-6.30pm*

ix Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-pompa tax-xelter qed taħdem. Qal ukoll li mar mal-Kuntrattur sabiex jaraw kif forsi jista' jsir xi dawl temporanju . Xelter

x Dwar il-bżonn ta' part-timer oħra, is-Sindku rrefera għall-attenzjoni tal-Kunsill il-każ tal-part-timer li diġa għandu impjegata miegħu. Is-Sindku qara ittra mingħand din l-impjegata fejn din kienet qed titlob li l-aħħar Minuti Nru 39/06 jiġu reveduti. Dan kienet qed titolbu għax skond hi, hija qatt ma nfurmat lis-Sur Pace A/ Seg. Eżek li f'Ottubru kellha l-intenzjoni li titlaq għax kellha impjieg ieħor . Hi kienet infurmatu biss li jekk is-sitwazzjoni fil-Kunsill tibqa' stressanti kif kienet f'Ottubru kienet ser tapplika biex tkompli bl-istudji tagħha fl-Universita' ta' Malta. Għal dan kollu kienet qed titlob lill-Kunsill sabiex jirrevoka l-Minuti Nru 39/06. (Kopja tal-Ittra qed tiġi annessa ma' dawn il-Minuti). Is-Sindku kompla jgħid li s-Sibt din l-istess impjegata qaltlu li kienet lesta anke tieħu passi legali kontra l-Kunsill minħabba skond hi kien hemm ksur tad-data protection peress li l-Minuti Nru. 39/06 ġew uploadjati fis-sit tad-Dipartiment Gvern Lokali hekk kif wara kollox titlob il-liġi tal-Kunsill Lokali. Impjegata Part-timer fil-Kunsill

L-A/Seg. Eżek. talab li jispjega peress li fl-ittra ssemmu hu personalment. Is-Sur Pace qal li peress li fil-Kunsill kien qed iħoss li kienet teżisti problema ta' *time-management*, hu kien bgħat għal din il-part-timer u staqsiha jekk kienetx taċċetta li tibda tidħol xogħol kuljum mit-Tnejn sal-Ġimgħa bejn it-8.00am u 13.00pm u s-Sibt bejn it-8.00am u 12.00pm. Din min-naħa tagħha pprotestat bil-qawwa kollha għax fost affarijiet oħra li qaltlu semmiet il-fatt li jekk taċċetta ser ikollha tħallas aktar taxxa u bolla.

Hi fl-ebda ħin ma semmietlu l-Universita'. Kulma qaltlu kien li fil-każ f'moħħa kellha li sa Ottubru tfittex impjieg ieħor. Hu staqsiha kienetx infurmat b'dan lill-Kunsill għax ma kienetx etika li tħalli lill-Kunsill pendenti sa l-aħħar. Hi kkonfermatlu li sa dak il-ħin kienet għadha ma nfurmat lil ħadd b'xejn. Is-Sur Pace kkonferma mal-Kunsill u qal li lest anke jieħdu b'ġurament li dak kien id-diskors kollu li għadda bejniethom.

F'dan il-waqt il-Kunsillier Keith Darmanin talab li jintervjeni. Is-Sur Darmanin informa lill-Kunsill li s-Sibt 24 ta' Marzu 2012 meta wasal l-uffiċċju tal-Kunsill peress li kellu l-laqgħa tal-Kunsill taż-Żgħażagħ u staqsa lil din il-part-timer kif kienet, din bdiet tirrabja u qaltlu li mhi xejn tajjeb għax il-Kunsill kiser id-dritt tad-data protection act u li l-Kunsill qed jipprova jqaċċatha. Is-Sur Darmanin kompla jgħid li ta parir li flok tkompli tirrabja aħjar tkellem lis-Sindku u tara x'jgħidilha.

L-Aġent Seg. Eżek is-Sur Paul Pace qal li ser iġib linji gwida mingħand is-Sur Ebejer Segretarju Permanenti tad-Data Protection Act.

**xi** Issemma' wkoll każ ieħor li jirrigwardja wkoll lil din l-istess impjegata part-timer. Is-Sindku spjega li l-Kunsill waslet ittra mingħand l-NSO u li anness ma' din l-ittra kien hemm remittance advice u ċekk pagabbli lill-Kunsill Lokali Ħal Tarxien. (Kopji Annessi). Is-Sindku nforma lill-Kunsill li sar kuntatt mal-uffiċċju tal-NSO biex jispjegawlna eżatt x'kien il-każ.

Il-Kunsill unanimament qabel li m'għandniex nidħlu f'dan il-każ għaliex huwa xogħol barra mill-ħin tal-Kunsill ta' din il-part-timer u għalhekk għandu jintbgħat kollox lura lill-NSO sabiex jirranġaw l-affarijiet bejnhom u bejn din l-iskrivana part-timer.

**xii** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li rċieva ittra mingħand xi ħbieb tas-Sur Peter Caruana sabiex jekk inhu possibli tissemma' triq għalih. Il-Kunsill jinnota li skond informazzjoni li għandna dan ma jsitax isir għax biex tissemma triq għal xi ħadd irid ikun ilu mejjet numru ta' snin. Is-Sur Caruana miet f'Marzu 2012. Peter Caruana

**xiii** Is-Sindku qal li hekk kif kien hemm qbil unanimu fl-aħħar laqgħa Nru 41/06 dawk l-assi li kellu l-Kunsill li kienu jew bil-ħsara jew mingħajr użu, iddispona minnhom. Il-van tal-Kunsill li huwa wkoll bil-ħsara għadu pparkjat quddiem il-garaxx tal-Kunsill sakemm ikollna eżatt gwida ta' kif nistgħu niddisponu minnu u jiġi skrapjat. Sadanittant it-tender għal-leasing ta' van inħarġet kif kien miftiehem. Assi tal-Kunsill

xiv Is-Sindku qara ittra mingħand l-Għaqda Kultura u Armar fejn dawn qed jitolbu għajnuna finanzjarja għal Pageant tal-Passjoni li ser jittella' fil-31 ta' Marzu 2012 f'Ħal Tarxien. Is-Sindku spjega li dan ma setax isir għax inkunu qegħdin niksru l-liġi. Talba Għaqda Kultura u Armar

Is-Sindku kompla jispjega li leħaq ftehim mal-Għaqda li lest jipparteċipa bħala Kunsill Lokali ma' din l-Għaqda u parti mill-printing li jammonta għal €1000 jħallas għalihom il-Kunsill bħala parteċipant għal din l-attivita'.

Permezz ta' din l-attivita', Ħal Tarxien qiegħed jieħu isem u jiġġenera kummerċ u turiżmu lejn ir-raħal.

xv Is-Sindku qara ittra mingħand is-Sinj. A. Galea fejn qed titlob li ġurnata waħda fil-ġimgħa tibda tidħol wara nofsinhar. Il-ħin nieqes tpatti għalih matul il-ġimgħa. Is-Sindku semma l-fatt li din l-impjegata saħansitra anke mid-dar u fil-weekend tibqa għaddejja bix-xogħol tal-Kunsill. Dan ikkonfermawh ukoll diversi Kunsillieri. Is-Sindku f'isem il-Kunsill rringrazzja lis-Sinj. Galea għax-xogħol li twettaq. Ittra mis-Sinj. A. Galea

It-talba tagħha ntlaqgħet b'mod unanimu. Is-Sinj. Galea rringrazzjat lill-kulħadd tal-fiduċja li wrew fiha.

xvi Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kuntrarju għall-għajdut li għaddej bħalissa fil-konfront tiegħu, hu ser jerġa' jikkontesta fl-elezzjoni tal-Kunsilli Lokali li jmiss tal-2013. Qal li dan ser jippubblikah fil-fuljett tal-Kunsill. Kandidatura Elezzjoni 2013

Il-Kunsillier Keith Darmanin ikkonferma li hu wkoll bi ħsiebu li jerġa' jikkontesta fl-elezzjoni li jmiss.

xvii Is-Sindku nforma lill-Kunsill li rċevejna email mingħand id-Dipt. Gvern Lokali fejn ġejna nfurmati li t-tieni tranche tal-allokazzjoni finanzjarja 2012 ġiet iddepożitata fil-kont bankarju tal-Kunsill Lokali. Min din l-allokazzjoni ser jitnaqqas l-ammont ta' €120 in konnessjoni mas-servizz ta' WIFI fl-uffiċini tal-kunsilli lokali għal perjodu ta' bejn 1 ta' Ġunju 2011 sa 31 ta' Mejju 2012. (Kopja tal-email hawn mehmuża) Allokazzoni – It-tieni 'tranche'

## 3 Affarijiet Finanzjarji – Skeda ta' Pagamenti

Skeda ta' Pagamenti

i Il-Kunsill approva unanimament l-Iskeda ta' Pagamenti nru 42/06. Din l-iskeda ġiet iffirmata mis-Sindku, mill-A/ Seg. Eżek is-Sur Paul J. Pace u minn żewġ Kunsillieri.

## 4 Tenders

Tenders

i. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li t-Tenders għall- (i) knis (ii) leasing ta' van (iii) street furniture (iv) supply of cold asphalt bags inħarġu kif kien sar qbil fl-aħħar laqgħa tal-Kunsill Nru 41/06. Id-data tal-għeluq hija l-Ġimgħa 30 ta' Marzu 2012 f'nofsinhar.

ii. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li għadhom miftuħa t-tenders tal-manutenzjoni fil-blokki tal-Gvern kif ukoll tar-resurfacing tat-toroq taħt l-iskema tal-PPP. Dawn it-tnejn ser jagħlqu nhar il-Ġimgħa 13 t'April 2012. Preżenti waqt il-ftuħ tat-Tenders ser ikun hemm il-Viċi Sindku s-Sur Frans Agius u u Kunsillier ieħor flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv is-Sur Paul Pace peress li s-Sindku ser ikun msiefer.

iii. Is-Sur Paul J. Pace A/Seg. Eżek semma' l-fatt li peress li s-servizz tal-Accountant qed jingħata b'direct order għall-valur ta' €1150 kull tlett xhur, huwa ppropona li sabiex il-Kunsill ikun konformi mal-Liġi Finanzjarja hemm bżonn li toħroġ tender għal dan is-servizz. Il-Kunsill qabel u għalhekk ser jiġu ppreparati d-dokumenti meħtieġa għal-ħruġ ta' din it-tender.

## 5 Rapport dwar il-Ħidma tal-Kunsillieri

***Rapport tal-Viċi Sindku Frans Agius***

i Is-Sur Agius nforma lill-Kunsill li il-laqgħat dwar it-turiżmu organizzati mill-MTA għadhom għaddejjin u bħalissa jmiss li jżura ż-Żebbuġ Għawdex nhar l-4 t'April 2012. Is-Sur Agius nforma lill-Kunsill li hu dakinhar ma jistax jattendi u nforma diġa b'dan lis-Sur Julian Zarb mill-MTA li staqsih jekk minfloku jistax jattendi xi membru ieħor mill-Kunsill. Ħadd mill-Kunsill ma jista' jattendi. Is-Sur Zarb ser ikun infurmat b'dan.

ii Is-Sur Agius qal li l-għalliema tal-Malti għal Barranin talbet sabiex tibda tagħti l-lezzjoni fiċ-Ċentru Komunitarju kul nhar ta' Ġimgħa minflokk fi-Dar tal-Kejka. Għalkemm il-Kunsill leħaq pprovda u xtara xi apparat għad-Dar tal-Kejka hekk kif kienet talbet din l-għalliema stess ma jsib ebda oġġezzjoni li din tixxiftja għaċ-Ċentru Komunitarju. Is-Sur Agius qal li ta' ċavetta lil din l-għalliema.

iii Is-Sur Agius norma lill-Kunsill li s-Sur Peter Caruana miet. Huwa qal li ġa semma' xi ħaġa fuq fuq lis-Sinjura tiegħu ħabba l-pubblikazzjoni tal-ktieb pero ladarba tissetilja ftit għandu jerġa jkellimha. Sadanittant ser nibqgħu għaddejjin bl-editjar tal ktieb.

Hawn is-Sindku kkonferma li waqt li kien mal-Viċi Sindku għal-funeral, tkellmu mas-Sinjura Caruana u apprezzat dak kollu li qegħdin nipproponu sabiex jibqa' għaddejn il-pubblikazzjoni tal-ktieb.

iv Is-Sur Agius informa lill-Kunsill li diġa' beda bl-arranġamenti għall-Jum Ħal Tarxien.

v Is-Sur Agius ressaq quddiem il-Kunsill proposta flimkien ma kwotazzjoni sabiex jittella' kors fil-Relazzjonijiet Pubbliċi għar-Rappreżentanti tal-Għaqdiet Volontarji. Il-ħlas huwa ta' €320 għall-30 siegħa u jingħataw ukoll xi noti. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu li jittella' dan il-kors u li jsir fiċ-Ċentru Komunitarju.

***Rapport mill-Kunsillier Lawrence Bonavia***

i Is-Sur Bonavia nforma lill-Kunsill li l-persuna li kienet qed tieħu ħsieb ġiet trasferitas f'Dipartiment ieħor. Sadanittant ser jipprova jġib xi materjal bħal-leaflets dwar l-Occupational Health & Safety.

***Rapport mil-Kunsillier Keith Darmanin***

i Is-Sur Darmanin informa lill-Kunsill dwar il-laqgħat għaz-zoni tan-Neighbouhood Watch hekk kif indikat hawn taħt :

**Zona 24 – 9 ta' April 2012 fis-18:30pm**
*Vjal Simmons*

**Zona 25 – 16 ta' April 2012 fis-18:30pm**
*Triq Bil Għeliem, Triq l-Isqajjaq, Triq il-Raħeb, Triq Tal-Barrani (tieni parti), Triq it-Tramuntana, Sqaqien Nofsinhar Nru 1 u Nru 2*

**Zona 26 - 23 ta' April 2012 fis-18:30pm**
*Misraħ ir-Repubblika, Triq it-Tabib Jimmy Farrugia, Sqaqien Brittaniku Nru 1 u Nru 2, Triq Kelinu Cachia, Pjazza Agatha Barbara, Triq Brittanika*

**Zona 27 – 7 ta' Mejju 2012 fis-18:30pm**
*Triq Moyra Mintoff, Triq Spiru Spiteri, Triq Dun Mikiel Vella, Triq Ċikku Saliba, Triq Joseph Burlo', Triq Dar Tal-Kejka*

**Zona 28 – 28 ta' Mejju 2012 fis-18:30pm**
*Triq Xintill, Triq Pawlu Schembri, Sqaqien Xintill Nru 1, Nru 2 u Nru 3*

ii Dwar il-Photo Hunt li ser jorganizza l-Kunsill Lokali Żgħażagħ fl-10 t'April 2012 sab żewġ sponsors wieħed għat-tokens u l-ieħor għall-ilma.

***Rapport mill-Kunsilliera Claudienne Lanzon***

i Is-Sinj. Lanzon infurmat lill-Kunsill li organizzat laqgħa dwar l-ewwel għajnuna fid-dar nhar it-23 ta' Marzu 2012 fl-Iskola Sekondarja ta' Ħal Tarxien. Bħala kelliema kienu mistiedna Dr Nadette Spiteri Konsulent tal-pdjatrija speċjalizzata fl-iżvilupp tat-tfal kif ukoll is-Sinj. Gemma Sirol tas-St John Ambulance Brigade. Claudienne rrimarkat li kien hemm nuqqas ta' attendenza.

***Rapport mill-Kunsillier Ishmael Dalli***

i Is-Sur Dalli qal li dwar riċiklar ta' drapp minn REFAB MALTA ser jagħmel promozzjoni dwar din il-materja permezz ta' artiklu fil-fuljett li jmiss.

***Rapport mill-Kunsilliera Doris Vella***

i Is-Sinj. Vella qalet li fit-8 ta' Marzu 2012 fl-okkażjoni ta' Jum il-Mara saret ħarġa fil-Plaza Hotel tas-Sliema. Għal din l-okkażjoni ingħata rigal żgħir lil dawk kollha preżenti.

ii Ħarġa oħra li jmiss ser tkun buffet brreakfast fid-Danish Village nhar il-Ħamis 5 t'April 2012.

***iv Rapport mis-Sindku Paul Farrugia***

iv.i Is-Sur Farrugia informa lill-Kunsill li saret il-ħarġa tal-anzjani fis-San Pawl Hotel San Pawl il-Baħar.

**6 Ħwejjeġ Oħra**

i Is-Sindku reġa' fakkar lill-Kunsillieri li kull min minnhom irid jippubblka xi avviż fil-fuljett għasndu jibgħat il-materjal kollu sa mhux aktar tard mill 31 ta' Marzu 2012. Il-ħarġa tal-fuljett li jmiss ser tkun marbuta mal-Festa tar-Raħal.

ii Is-Sindku kompla jgħid li s-Sur Alfred Massa offra sabiex jibda jagħmel hu l-proof reading tal-fuljett. Is-Sindku aċċetta din il-proposta.

Il-Kunsill qabel unanimament.

## 7 Għeluq tal-Laqgħa

Il-laqgħa ntemmet fit-8.00pm.

Laqgħa oħra li jmiss il-Ġimgħa 27 t'April 2012 fil-5.30pm

**Kav. Pawlu Farrugia** KLJ CMLJ
**Sindku**

**Sur Paul Pace** Dip. B. A. (Bus Mangt) MBA
**A/Seg. Eżek**